# Min ifittex isib 4

## Żur il-mużewijiet taċ-Ċittadella b'differenza

*Idħol fil-Mużew tal-Folklor u ibqa' dieħel fil-kamra ta' ġewwa nett.*

**1.** Sib il-mitħna tal-miexi. X'kienu jidħnu fiha u biex kienu jdawruha?

____________________ ____________________

*Itla' fis-sular ta' fuq u mur fl-aħħar kamra fuq in-naħa tax-xellug fejn hemm żewġ vetrini bi statwi tat-tafal.*

**2.** Kull statwa tirrappreżenta sengħa differenti.

Semmi tnejn minnhom:

____________________ ____________________

**3.** Fil-festi ġo xi pjazza għadek tarani. Inkun qed inbiegħ

il- ____________________.

Dan it-tip ta' ħelu tradizzjonali jkun magħmul minn (ingassa fejn ma jaqbilx)
Zokkor, żbib, lewż, abjad tal-bajd, frawli, ġulġlien, bżar u melħ.

*Erġa' mur lura fil-bitħa ċentrali tal-mużew u idħol fil-kċina.*

**4.** Fil-kċina kont nintuża biex isajru fuqi. X'jien? ____________________. X'hinu l-materjal li jien magħmul minnu? ____________________. Biex kont nitkebbes?____________________ .

**5.** Bosta mill-kmamar huma miksija b'din it-tip ta' art. X'hini u minn x'hiex inhi magħmula?

________________________________________

*Nispera li ħadt gost tiskopri l-mużewijiet taċ-Ċittadella b'dal-mod. Żomm dawn il-karti bħala referenza għal meta tiġi bżonnhom!*





Find us on Facebook

education@heritagemalta.org www.heritagemalta.org




Heritage Malta

# Min ifittex isib 1

## Żur il-mużewijiet taċ-Ċittadella b'differenza

*Meta tingħata din il-kopja fil-Mużew tal-Arkeoloġija t'Għawdex, erġa oħroġ mill-mużew u ibda minnufih.*

**1.** Illum m'għadnix l-uniku wieħed. Qabel bil-fors ridt tidħol minn hawn għal din il-Belt.

i) Aqta' x'jien? ____________________

ii) Fin-naħa ta' fuq hemm id-data ta' meta erġajt ġejt mibni. X'inhi? ____________________

**2.** Jien magħmul mill-ġebel. Poġġewni fl-art.
Kont importanti fl-għasir ta' xi ħaġa tal-ikel fi żminijiet imbiegħda.

* Aqta' x'jien? ____________________
* X'inhu l-prodott tal-ikel? ____________________
* X'joħroġ minnu meta tagħsru? ____________________
* F'liema żmien kont nintuża? ____________________

*Issa idħol lura l-Mużew tal-Arkeoloġija u kompli ...*

**3.** Fis-sular t'isfel hemm kamra taż-Żmien Medjevali.
Ġo din il-kamra għandek issib numru ta' lapidi mnaqqxa.
Semmi tnejn minnhom:

____________________ ____________________

*Itla' t-taraġ u idħol fl-akbar sala tal-mużew.*

**4.** Sir Temi Zammit reġa' difinni taħt ir-ramel tar-Ramla l-Ħamra.

X'jien? ____________________

*Oħroġ minn din u fuq il-lemin tiegħek għandek issib kamra b'oġġetti mtella' minn taħt il-baħar.*

**5.** Ġo fija kienu jaħżnu bosta prodotti fosthom inbid, żejt u għasel. X'jien? ____________________

**6.** Meta jkollhom bżonni jarmuni u meta ma jkollhomx bżonni jiġbruni. X'jien? ____________________

*Issa li sirt taf x'hawn f'dan il-Mużew tista' tkompli tiskopri aktar affarijiet sbieħ fil-mużewijiet l-oħra.*

*Oħroġ mill-Mużew u mur fil-Pjazza.*

*Jekk s'issa ħadt gost tiskopri l-wirt kulturali tagħna b'dan il-mod tista' tkompli tagħmel dan billi tidħol fil-Ħabs il-Qadim u kompli 'Min Ifittex, Isib (2)'.*

**7.** Semmi żewġ binjiet importanti li nsibu f'din il-Pjazza:

____________________ ____________________

# Min ifittex isib 2

Żur il-mużewijiet taċ-Ċittadella b'differenza

*Ħares lejn il-Mina l-Kbira u itla' t-taraġ ta' fuq il-lemin li jieħdok għall-Ħabs il-Qadim.*

1. Fuq il-bieb prinċipali tal-Ħabs tidher arma mportanti.

   X'inhi din l-arma? ______________

*Idħol fil-Ħabs.*

2. Għandek tara ħafna disinni mnaqqxa fil-ħitan, jgħidulhom 'graffiti'.

   Semmi żewġ tipi minnhom:

   ______________ ______________

3. Pinġi waħda mill-graffiti li jogħġbuk l-aktar.




4. Fil-kuritur ta' wara hemm xi ismijiet mnaqqxa fil-ħajt. Semmi wieħed minnhom:

   ______________

*Issa oħroġ barra u ħares quddiemek.*

5. Binja għolja tal-ġebel bix-xemx tizreġ fuq il-faċċata matul il-jum. Kif inhi magħrufha din il-binja?

   ______________

*Jekk s'issa ħadt gost tiskopri l-wirt kulturali tagħna b'dan il-mod tista' tkompli tagħmel dan billi tidħol fil-Mużew tan-Natura u kompli 'Min Ifittex, Isib (3)'.*

# Min ifittex isib 3

Żur il-mużewijiet taċ-Ċittadella b'differenza

*Kif tidħol fil-Mużew tan-Natura għandek issib sala dwar il-Ġeoloġija (il-blat li jifforma l-Gżejjer Maltin).*

1. Minn kemm-il saff ta'blat hi magħmula l-gżira t'Għawdex? ______________

2. Liema huma? ______________

3. Ma jgħaddix l-ilma minni. X'materjal jien? ______________

*Idħol fil-kamra tas-sezzjoni tal-baħar u ħares madwarek.*

4. Jiena ħuta komuni ħafna fis-sajf. ______________

5. Għandi x-xabla biex niġġieled. ______________

*Itla' fis-sular ta' fuq. F'kamra minnhom hemm is-Sezzjoni tal-Pjanti.*

6. Semmi u pinġi il-Pjanta Nazzjonali.

*Oħroġ mill-Mużew u ibqa' tiela' 'l fuq. F'dawn l-inħawi fejn m'hawnx ħafna bini għandek issib kappella li mal-faċċata tagħha hemm lapida żgħira ta' lewn isfar.*

7. Lil min hi ddedikata din il-kappella u meta nbniet?

   ______________ ______________

*Mal-ġenb tal-kappella hemm triq dritta fejn fiha nsibu l-Mużew tal-Folklor.*

*Jekk s'issa ħadt gost tiskopri l-wirt kulturali tagħna b'dan il-mod tista' tkompli tagħmel dan billi tidħol fil-Mużew tal-Folklor u kompli 'Min Ifittex, Isib (4)'.*

8. X'jisimha din it-triq? ______________